# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti tat-Tmienja u Tletin laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 25 ta' Ġunju 2014 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Anthony Buhagiar | Kunsillier |
| Is-Sur Noel Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |

## *Assenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Grima | Kunsillier |

## 1. *Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## 2. *Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sebgħa u Tletin Laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 28 ta' Mejju 2014*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellhu emendi fuq il-minuti msemmija s-Sur Noel Scerri issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 3. *Komunikat mis-Sindku*

Is-Sur Dominic Spencer daħal fis-sala fil-ħamsa u nofs u ħamsa ta' filgħaxija (5.35pm)

3.1 Is- Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-Mepa dwar ix-xogħol fi Pjazza San Vinċenz u x-xogħol fuq il-bankina ta' Triq Balbi.

## 4. *Deċiżjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mid-29 ta' Mejju sal-25 ta' Ġunju 2014.*

4.1 Għar-rigward ta' korrispondenza mibgħutha mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' biex il-Kunsill joqogħod attent fuq permessi ta' armar tal-festa fuq il-bankini s-Sindku talab li l-Kunsill jibgħat it-tweġiba tiegħu li għal dan il-għan il-KNPD għandhom jagħmlu kuntatt mall-Kumitati tal-Festi tal-Lokal u jispjegaw l-oġġezzjoni u l-preokkupazzjoni tagħhom . Il-Kunsill ma jidħolx f'dawn il-permessi li ilhom isiru minn qabel ma ġew stabbiliti l-Kunsilli Lokali. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.2 Dwar il-laqgħa ta' l- Enemalta s-Sindku nforma lill-Kunsill li għaliha attenda s-Segretarju u ta rendikont ta' din il-laqgħa.

4.3 Is-Sindku talab li l-Kunsill jagħti servizz ta' reklamar lill- Klabb tar-Regatta Marsa għas-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250). Is-Sur Anthony Buhagiar issekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.4 Għar-rigward tat-talba mpoġġija mis-sid tal-ħanut Cardiff Snack Bar fi Flagstone Wharf sabiex jingħata permess joħroġ mwejjed u siġġijiet fuq il-bankina s-Sindku s-Sur Francis Debono talab li l-Amministrazzjoni tagħmel klarifika ma l-Malta Tourism Authority u Lands Department u kull awtorita' oħra li toħroġ dawn il-permessi sabiex il-Kunsill ikun aktar informat qabel ma jiddeċiedi fuq din it-talba mpoġġija għad-deċiżjoni tal-Kunsill invista wkoll ta' ħwienet oħra fil-viċinanza ta' dan il-Bar . Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 5. *Schedule of Payments 06/2014*

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il- kontijiet s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet kif ippreżentati. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-vot kien unanimu.

## 6. *Purchase Order 3779 - 3827*

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Order minn numru 3779 sa 3827 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. *Purchase Request 2767 - 2812*

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Request minn numru 2767 sa 2812 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 8. *Financial Commitment Report January – March 2014*

8.1 Is-Segretarju ta' spjega tar-rapport kif ippreżentat u wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti fuqhom is-Sur Noel Scerri talab li jiġi approvat kif ippreżentat. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 9. *Tweġiba għal Management Letter għas-Sena Finanzjarja 2013*

9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ta spjega tar-risposta li l-Kunsill hejja bħala tweġiba għall-Management Letter għas-Sena Finanzjarja 2013. Hu ta spjega fid-dettall ta' kull punt li ġie osservat mill-Awdituri tal-Gvern fil-Management Letter għal benefiċċju tal-membri preżenti. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti jew osservazzjoni fuq it-tweġiba msemmija s-Sindku talab l-approvazzjoni kif ippreżentata. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

9.2 Is-Sur Noel Scerri kkummenta wkoll li l-Awdituri m'għandhomx għalfejn jaqbdu ma affarijiet li mhux daqstant serji u importanti fuq xhiex jikkummentaw speċjalment meta l-Kunsill ma jkunx qed jagħmel xejn ħazin u joqgħod biss isemmi u jikkummenta fuq ħmerijiet għax għandhom affarijiet oħra aktar importanti f'Kunsilli Lokali oħrajn fuq xhiex jikkummentaw.

## 10. *Ħruġ ta' Tender Street Sweeping in Racecourse Area.*

10.1Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Kunsill japprova sabiex l-Amministrazzjoni thejji d-dokumenti għall-offerta għas-servizz ta' knis fl-akkwata ta' Racecorse minħabba li dan il-Kuntratt dalwaqt jasal fit-tmiem il-perjodu tiegħu. Hu talab ukoll li l-Kunsill ma jikkunsidrax lill-kuntrattur Brayden Azzopardi għal tali servizz invista li l-Kunsill kellhu diversi ilmenti fuq ix-xogħol imwettaq matul il-perjodu tal-kuntratt imsemmi, kif ukoll invista ta' diversi korrispondenzi u default notices li l-Kunsill ħareġ fuq is-servizz mogħti mill-istess kuntrattur. Is-Sindku talab sabiex din l-offerta tiġi ppubblikata fuq il-Ġurnali kif deċiż f'seduti preċedenti u li s-somma ta' din l-offerta tkun ta' mija u ħames ewro (€105) liema perjodu tal-pubblikazzjoni ma tkunx anqas min xahar. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 11. *Ħruġ ta' Tender Mixed Household Waste.*

11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Kunsill japprova sabiex l-Amministrazzjoni thejji d-dokumenti ta' l-offerta għas-servizz ta' Ġbir ta' Skart Domestiku minħabba li dan il-kuntratt għalaq it-terminu tiegħu. Din l-offerta għandha tkun għas-somma ta' mija u ħames ewro (€105)

u l-pubblikazzjoni tkun fuq il-ġurnali kif deċiż mill-Kunsill f'seduti preċedenti u tibqa' miftugħha għal xahar. Is-Sur Dominic Spencer issekonda . Il-Vot kien unanimu.

## *12. Deċiżjoni fuq Tender Klm 01/14 – Embellishment works at St Vincent square.*

12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppreżenta l-unika offerta għal dan ix-xogħol mill-kuntrattur Karmig Ltd għas-somma ta' disgħa u sebgħin elf erbgħa mija u tlieta u ħamsin ewro u dsatax il-ċenteżmu ( €79453.19) bħala l-ewwel offerta filwaqt li t-tieni offerta kienet ta' disgħa u erbgħin elf erba' mija u tlieta u għoxrin ewro u dsatax il-ċenteżmu (€49,423.19) Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japprova li jilqa' favorevolment it-tieni offerta għas-somma ta' disgħa u erbgħin elf erba' mija u tlieta u għoxrin ewro u dsatax il-ċenteżmu (€49,423.19) ta' l-offerta fejn il-bankijiet jiġu mixtrija mill-Kunsill. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu

## *13. Ħruġ ta' Kwotazzjonijiet għal Xiri ta' P.A. System.*

13.1 Wara diskussjoni fuq is-suġġett imsemmi ġie deċiż li s-Sur Dominic Spencer jara l-ispeċifikazzjonijiet neċessarji għal dan is-servizz sabiex tiġi identifikata l-ispiża u fl-eventwalita' jiġi mixtri direttament jekk l-ispiża ma taqbisx is-somma ta' elf mija u ħamsa u sittin ewro (€1165.00). Dan is-suġġeriment ġie mressaq mis-Sur Francis Debono u ssekondata mis-Sur Anthony Buhagiar. Il-Vot kien unanimu.

## *14. Ħruġ ta' Kwotazzjonijiet għal għalliem biex jgħin lit-tfal f'diversi suġġetti.*

14.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li l-Kunsill japprova li tinħareġ l-applikazzjoni għal servizz ta' għalliem sabiex matul is-sena skolastika 2013/2014 il- Kunsill jagħti servizz lit-tfal Marsin f'diversi suġġetti edukattivi bħal Malti, Ingliz, u Maths. Is-Sur Anthony Buhagiar issekonda. Il-Vot kien unanimu .

## *15. Tiġdid ta' l-Iskema Servizz ta' l-Għajnuna fil-Homework*

15.1 Is-Sindku talab li l-Kunsill jitlob li matul is-sena skolastika 2013/2014 li jmiss jiġi estiż is-servizz mgħoti preżentament mill-Fondazzjoni Servizz Edukattiv li jgħin l-istudenti fil-homework taħt l-iskema ta' Klabb Naħla billi dan is-servizz kien ta' suċċess matul is-sena skolastika li għaddiet u dan jixduh il-kummenti li l-Kunsill qed jirċievi u t-talba ta' l-istess ġenituri biex il-Kunsill jerġa jagħti dan is-servizz. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *16. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet preżentati mill-Kunsilliera.*

16.1 Is-Sur Noel Scerri saqsa dwar id-devoluzzjoni tal-bini tal-Klabb tal-Boċċi. Is-Segretarju Eżekuttiv fuq permess tas-Sindku wieġeb li l-accountant tal-Kunsill għandu jagħlaq l-accounts sa' l-aħħar ta' Ġunju għax ma l-applikazzjoni tad- devoluzzjoni għandha tintbagħat il-qada finanzjarja tal-Kunsill.

16.2 Is-Sur Dominic Spencer talab jekk il-Kunsill jaqbilx li fuq l-arbli tal-Pont li l-Kunsill għamel issirx fuqhom l-Arma tal-Lokalita' u dan is-servizz għandu jingħata mill-Kumitat Festi Esterni Trinita' jew mill-individwu li jagħti tali servizz. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

16.3 Is-Sur Dominic Spencer saqsa dwar reklamar lill-għaqdiet u dwar id-dover lejn il-Kunsill minn dawn l-għaqdiet li jagħtu servizz tagħhom waqt attivita' tal-Kunsill mingħajr ħlas. Is-Sindku wieġeb li din għandha tiġi diskussa f'seduta oħra. Hu żied jgħid li kif deċiż f'seduti preċedenti l-Kunsill ser jibqa' jagħti s-servizz ta' reklamar lil kull għaqda iżda ssuġġerixxa li kull għaqda għandha tibda tagħti servizz waqt attivitajiet tal-Kunsill b'xejn kif qed jissuġġerixxi l-Kunsillier Spencer mis-sena d-dieħla. Biss il-Kunsill għandu jiddiskuti fid-dettall dan is-suġġett fuq agenda oħra.

16.4 Dwar il-ħlas tal-kawża għas-somma ta' ħames mija tmienja u disgħin ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€598.65) wara diskussjoni li saret bejn il-membri preżenti ġie deċiż li l-Kunsill għandu jiġi mgħoti gwida mill-Avukat tal-Kunsill jekk iħallasx dan l-ammont u wara jiġi rivuzjonat lura l-ħlas kollhu ta' l-ispejjez relatati mall-kawża mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali jew inkella ma jħallasx dan l-ammont dovut.

## *17. Aġġornament tal-Laqgħa*

17.1 Ġie deċiż li jekk ikun possibbli il-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 16 ta' Lulju fil-ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)

Il-laqgħa spiċċat fis-sebgħa ta' filgħaxija (7.00pm).

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv